**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 25 ta` Settembru, 2018.**

**Talba Nru: 570/2016PA**

**Hydroelectric Limited**

**vs**

**Cutrico Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-30 ta` Novembru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet kundanna tas-soċjeta` konvenuta biex tħallasħa s-somma ta` elfejn, tmien mija u tlettax-il Ewro, sitta u sittin ċenteżmu (€2,813.66ċ) rappreżentanti bilanċ ta` prezz ta` merkanzija lilha mibjugħa u konsenjata mis-soċjeta` attriċi, bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-soċjeta` konvenuta.

Ra d-dokument ppreżentat mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament *Statement of Account*[1] datat 1 ta` Novembru 2016 li juri li s-soċjeta` konvenuta fadlilha tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma mitluba b'din il-kawża, rappreżentanti l-ħlas ta` seba' fatturi datati bejn 2 ta` Settembru 2015 u 1 ta` Lulju 2016.

Ra r-Risposta tas-soċjeta` konvenuta li permezz tagħha eċċepiet li (i) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda; (ii) dwar il-fattura numru 58570 għall-ammont ta` €433.02ċ, din il-merkanzija ġiet konsenjata taħt garanzija flok merkanzija oħra li kienet difettuża; u (iii) mhux minnu li s-soċjeta` konvenuta ħi debitriċi tas-soċjeta` attriċi billi s-soċjeta` attriċi naqset li tikkonseja l-merkanzija skond il-ftehim bejn il-partijiet, u b'hekk is-soċjeta` konvenuta sofriet danni li jeċċedu l-ammont mitlub. Skond il-ftehim tal-partijiet, is-soċjeta` attriċi kellha tikkonsenja l-merkanzija fi żmien 6 jew 8 ġimgħat mis-27 ta` Marzu 2015, u l-merkanzija ġiet konsenjata f'April 2016.

Ra d-diversi dokumenti u xiehda bil-miktub ippreżentati mill-partijiet.

Sema' lix-xhieda mressqa minnhom.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li s-soċjeta` attriċi qed tagħmel kontra l-konvenuta għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta` *ventilation control panel* għal sistema ta` *airconditioning* li s-soċjeta` konvenuta kellha twaħħal f'bini tal-kommittent tagħha (Ernst & Young Ltd) fejn kienet qed twettaq xogħlijiet taħt kuntratt ta` appalt. Iż-żewġ partijiet ressqu xiehda estensiva, u teknika, dwar x'ordnat is-soċjeta` konvenuta mingħand is-soċjeta` attriċi, x'ikkonsenjat u x'għamlet is-soċjeta` attriċi fil-bini tal-kumpanija terża, u meta u kif ġie kompletat dan l-inkariġu, inkluż il-kwistjonijiet li nqalgħu fil-kors ta` din ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet.

[1] Fol. 2

Is-soċjeta` attriċi ressqet tlett affidavits ta` **Stephen Ciantar**, **Yosef Scicluna** u **Martin Sansone**.

**Stephen Ciantar**[2] xehed li huwa direttur tas-soċjeta` attriċi (imsejħa hawn isfel 'Hydroelectric'). Huwa spjega li f'Mejju 2015, is-soċjeta` attriċi kienet aċċettat it-talba tas-soċjeta` konvenuta (imsejħa hawn isfel 'Cutrico') biex tbiegħilha *ventilation control panel*, skond speċifikazzjonijiet li tat Cutrico stess. Wara l-ewwel stima, l-inġinier ta` Cutrico naqqas l-ispeċifikazzjonijiet, u Hydroelectric ħarġet it-tieni stima li ġiet aċċettata minn Cutrico. Hydroelectric forniet u stallat din is-sistema. Wara xi żmien, Cutrico talbet funzjonijiet oħra b'żieda ma' dawk imsemmija fil-verżjoni oriġinali. Dawn il-modifiki saru bi qbil bejn it-tekniċi taż-żewġ kumpaniji. L-ewwel stima kienet ħarġet f'Mejju 2015, pero` Alex Azzopardi ta` Cutrico talab li jitnaqqsu xi elementi. Meta sar dan minn Yosef Scicluna mqabbad minn Hydroelectric, Cutrico talbet aktar modifiki, u dan baqa' għaddej, sakemm is-sistema finali kienet konsenjata u aċċettata minn Cutrico f'Awissu 2015. Hydroelectric ħarġet il-fattura għall-ammont ta` €1,710.27ċ f'Settembru 2015. Bejn Jannar u Frar 2016 saru laqgħat bejn iż-żewġ naħat, u Cutrico talbet tibdil ieħor fis-sistema, li twettqu, pero` Cutrico baqgħet ma ħallsitx. Cutrico mbagħad xtrat diversi oġġetti oħrajn, li tagħhom baqgħet ma ħallsitx, u li jidhru elenkati fil-fatturi annessi mal-istess affidavit.

Dwar l-allegazzjoni ta` Cutrico li Hydroelectric ma onoratx xi obbligu tagħha in konnessjoni ma' fattura partikolari, Ciantar qal li din kienet tirreferi għal għaxar attrezzaturi tad-dawl (*ballasts*) li Cutrico kienet xtrat u waħħlet fis-*showroom* l-antika tagħha. Wara ftit, Cutrico lmentat li kien hemm xi tubi ma jaħdmux, u x-xhud talab li jirritornaw dawk it-tubi biex Hydroelectric tibdilhomlhom u tibgħathom lura lill-manifattur. Minn dan kollu, Cutrico ma għamlet xejn, pero` baqgħet ma ħallsitx tagħhom.

[2] Ara affidavit Dok. SC, fol. 11 *et seq.*

Ix-xhud ippreżenta l-fatturi kollha li tagħhom Hydroelectric qed titlob ħlas b'din il-kawża.[3]

In kontroeżami[4], Ciantar xehed li Cutrico talbet stima b'funzjonalitajiet partikolari, u mbagħad ordnatha b'anqas funzjonalitajiet, meta filfatt kellhom bżonn il-funzjonalitajiet kollha, u Hydroelectric setgħet twettaqhom pero` riedet aktar żmien biex tagħmel dan. Tal-ewwel ordni Cutrico ħallset, pero` tal-bqija ma ħallsitx. Hydroelectric ma kinetx disposta tkompli jekk ma tirċevix il-ħlas tal-ewwel parti tax-xogħol. It-tħaddim tas-sistema ma setax isir mill-ewwel, minħabba *firewall* li kellu l-kommittent. Ciantar insista li Hydroelectric dejjem għamlet li kellha tagħmel, u li talbitha Cutrico, u fil-pront, ħlief meta Cutrico naqset li tħallas dak mitlub, u dovut minnha. Ciantar ċaħad li Hydroelectric kienet infurmata fuq allegati danni jew penali li kienet qed tbati Cutrico minħabba dewmien, filwaqt li l-kommittent ta` Cutrico wkoll kellu relazzjoni tajba ma' Hydroelectric u qatt ma aċċenna li kien qed iżomm xi penali jew danni lil Cutrico.

**Yosef Scicluna**[5] xehed li, minn żmien għal żmien, Hydroelectric tinkarigaħ iwettaq xogħol ta` inġinerija. Qal li f'Lulju 2015, Michel Le Brun (*Technical sales representative* ta` Hydroelectric) għaddielu *circuit diagram* li bagħtet Cutrico biex jaħdem *ventilation control panel*. L-informazzjoni teknika li talab bagħathielu Alex Azzopardi; u immedjatament beda jibni l-*panel*, u mbagħad is-*software programming*. Iltaqa' ma' Azzopardi biex jagħtih informazzjoni fuq it-tip ta` *software* li ried, u Azzopardi qallu biex iħalli barra l-*ispeed drives* għax kienu diġa' mwaħħla u jaħdmu. Reġa' ltaqa' ma' Azzopardi fit-13 ta` Awissu 2015 u urieh kif taħdem is-sistema. Azzopardi aċċettaha u ftiehmu dwar il-konsenja għal ftit ġranet wara.

Skond Scicluna, huwa ma reġa' sema' xejn dwar dan l-inkariġu minn dakinhar sad-9 ta` Novembru 2015.

---

[3] Dok. SC2 sa SC8, fol. 14 sa 20
[4] Ara xiehda, 7.2.2018, fol. 222 *et seq.*
[5] Ara affidavit, Dok. YS, fol. 21

Fid-9 ta` Novembru 2015, ix-xhud flimkien ma' student marru fil-binja ta` Ernst & Young biex għamlu *network cable* u update tas-*software* biex tiġi kontrollata, imma Sean tal-Cutrico ried funzjonijiet differenti mis-*software*. Fis-27 ta` Jannar 2016, iltaqgħu fl-uffiċju tal-Hydroelectric, fil-presenza ta` Michel Le Brun ta` Hydroelectric u Alex Azzoaprdi ta` Cutrico, u ddiskutew il-fattura oriġinali u t-tibdiliet li riedu jsiru fiha minħabba t-tibdil fis-*software*. Reġgħu ltaqgħu għand Cutrico fl-1 ta` Frar 2016, u attendew ukoll id-diretturi rispettivi Stephen Ciantar u Ġino Cutajar. Iddiskutew il-ħlas pendenti, u tkellmu fuq funzjoni ġdida li tikkontrolla t-temperaturi bejn sajf u xitwa, liema funzjoni kellha tiżdied fis-*software*.

Ix-xhud jgħid li lesta din il-funzjoni fit-12 ta` Frar 2016, u reġa' ltaqa' ma' Alex Azzopardi biex jurihielu. Dakinhar Azzopardi talbu jżid il-kontroll tal-*ispeed drives*, li x-xhud qal li wettaq dakinhar stess. Fis-16 ta` Frar 2016, marru jħaddmu din il-funzjoni u Alex Azzopardi talab modifika biex jikkontrollaw it-*three-way valve*. Din il-funzjoni wettquha wkoll, u Azzoppardi kien sodisfatt.[6]

In kontroeżami, Scicluna ċċara li ħu jaħdem għal rasu, u li Hydroelectric kienet tqabbdu jagħmel xogħol ta` *electrical engineering*. Huwa kkonferma li kien wasallu d-disinn li Cutrico kienet għaddiet lil Hydroelectric mal-ordni. Qal li kien talab spjegazzjoni tad-disinn, u għal dan l-iskop kien iltaqa' ma' Alex Azzopardi u spjegalu x'kien ifisser, minħabba li x-xhud mhux speċjalizzat f'sistemi ta` *airconditioning*. Azzopardi qallu li l-muturi ma kellux jaħdimhom, għaliex diġa' kienu mwaħħlin fil-post. Il-*wiring* sar skond id-disinn oriġinali, u Cutrico qatt ma talbu tibdil fih. Meta lesta l-*wiring* u s-*software*, ħaddmu għas-sodisfazzjon ta` Alex Azzopardi, u għalhekk il-*panel* seta` jiġi konsenjat lil Cutrico. Dan ġara f'Awissu 2015. Ix-xhud qal li ma kellux x'jaqsam fil-konsenja.

Scicluna qal li bagħtu għalihom għall-*commissioning* tal-*panel* f'Novembru 2015. Ħa miegħu student. Il-*panel* sabha mwaħħla mal-ħajt, u kien jonqos biss li titqabbad mas-sistema tan-*network*. Kellu bżonn *IP address*, u stennieħ għal sagħtejn. Dan ma

[6] Ara timeline, Dok. YS1, fol. 23

wasalx u ma għamlu xejn dakinhar. F'Jannar 2016, reġa' mar ma' student għall-istess skop. Irċevew l-*IP address*, ikkomunikawha man-*network* u għamlu l-*commissioning*. Kien hemm preżenti ċertu Sean għal Cutrico, li ma għoġbitux kif ħadmet il-*panel*, u talab tibdil fis-*software*. Ix-xhud għamel it-tibdil fis-*software*, u reġa' mar fil-post biex iħaddimha. Din id-darba attenda wkoll Alex Azzopardi. Reġgħu tawħ struzzjoni għal aktar tibdil fis-*software*, u hu wettaqhom. Ix-xogħol sar fil-*boardroom* ta` Hydroelectric, u kienu preżenti x-xhud u Alex Azzopardi. F'dik l-okkażjoni issemma għall-ewwel darba it-*three way valve* li tippermetti lis-sistema tal-*airconditioning* taħdem differenti fis-sajf milli fix-xitwa. Ix-xhud insista li funzjonijiet ġodda żdiedu fil-kors tax-xogħol, fosthom dan it-*three way valve*, li kienet teħtieglu jagħmel buttuni ġodda li ma kinux jeżistu qabel. Ix-xhud insista li l-linja tiegħu mhix tal-*airconditioning*, u li kien qed jieħu l-istruzzjonijiet speċifiċi direttament mingħand Alex Azzoaprdi.

B'mod kateġoriku, ix-xhud ċaħad li dan it-*three way valve* kien inkluż fl-ordni oriġinali bil-kelmiet *'temperature to be set which will operate the bypassed temper motor'*. B'dan ir-rekwiżit, ix-xhud kien fehem li Cutrico riedet tipprovdi temperatura, hu jissettjaha u mbagħad il-mutur jaħdem *b'valve* mod u *valve* mod ieħor, skond jekk barra t-temperatura tkunx anqas jew aktar minn dik indikata. Dan huwa l-mod kif kien wera l-panel jaħdem lil Alex Azzopardi fl-ewwel okkażjoni, meta dan kien aċċettaha.

Barra din il-funzjoni ġdida, skond Scicluna, Cutrico żiedet funzjoni oħra li kienet il-kontroll tal-*ispeed drives*. F'dan ir-rigward, kien għamel biss funzjoni ta` on jew *off*. Kien biss aktar tard li Azzopardi qallu biex jagħmel mekkaniżmu awtomatiku (*three speed*) kif tvarja l-veloċita` tal-fannijiet skond it-temperatura ta` barra. Scicluna qal li Azzopardi kien qallu biex jinjora l-funzjoni li kienet taqra '*to operate fan motors with variable speed according to air flow required during commissioning'*.

Ix-xhud iddikjara li d-disinn li kien wasal għand Hydroelectric minnaħa ta` Cutrico ma kienx disinn kif suppost jingħata lill-inġinier elettriku. Minħabba li kellu ordni mingħand azzopardi biex din l-aħħar funzjoni ma jagħmilhiex, Scicluna qal li kien elimina parti mill-mekkaniżmu tal-*panel*, u mbagħad kellu jagħmilha, kollox għaliex

Azzopardi ma kien semmielu xejn fuq *variable speed* fl-*ispeed drives*, u differenza fit-temperatura skond kif tkun it-temperatura ta` barra. Qal li fuq struzzjoni ta` Azzopardi, fl-aħħar kien żied ukoll funzjoni fis-*software* li t-*three way valve* ikun jista` jiġi kkontrollat mhux biss awtomatikament, imma anke manwalment. Qal li meta lesta dawn il-funzjonijiet addizzjonali, il-panel kienet lesta, u ma jafx jekk Hydroelectric talbitx ħlas ulterjuri għal dawn il-funzjonijiet mizjuda.

Scicluna spjega wkoll li kien hemm diffikulta` bil-funzjoni li l-*panel* tibgħat email meta s-sistema ma tkunx qed taħdem. Din il-funzjoni ħadmet fil-*workshop* tiegħu, pero` ma ħadmitx għand il-kommittent ta` Cutrico minħabba sistemi ta` siġurta` elettronika li kellhom stallati. Qal li kien antiċipa problema bħal dik, u kien kellem lill-IT Manager ta` Ernst & Young minħabba f'hekk. Minħabba li rrifjutaw li jagħtu l-aċċess, hu kien spjega l-konsegwenzi lil Cutrico, u anke lil Ġino Cutajar personalment, bil-posta elettronika. Din il-kwistjoni baqgħet mhux solvuta sal-aħħar.

In rieżami, Scicluna ċaħad li Azzopardi kien ilmenta minn xi nuqqas ta` funzjonijiet fil-*panel* meta mar jaraħa taħdem, u approvaha, fil-*workshop* tax-xhud.

**Martin Sansone**[7] xehed li huwa direttur kummerċjali ta` Hydroelectric. Huwa ddikjara li Cutrico kienet ordnat *recessed fittings* għas-*showroom* l-antika tagħha, f'xi żmien bejn 2011 u 2013, 268 b'kollox. Maż-żmien marru xi tubi, u f'Settembru 2015, Cutrico xtrat għaxar *ballasts* li tagħhom baqgħet ma ħallset qatt. Ġino Cutajar għal Cutrico lmenta wara li kien hemm minnhom difettużi, u x-xhud qal li offra li jirċevihom lura u jagħtih oħrajn flokhom, filwaqt li jekk Hydroelectric issibhom difettużi, offriet li tagħti *credit note* għal prezzhom lil Cutrico. Pero` Cutajar qatt ma rritornahom.

In kontroeżami[8], Sansone qal li ilu *Commercial Director* ta` Hydroelectric għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Qal li ma' Cutrico kellhom relazzjoni kummerċjali twila, u tajba, għalkemm biex jitħallsu dejjem kien ikollu jċempel hu personalment lil

[7] Ara affidavit, Dok. MS, fol. 38
[8] Ara xiehda, 27.3.2018, fol. 229 *et seq.*

Ġino Cutajar. Ikkonferma li bejn 2011 u 2013, Cutrico xtrat mingħand Hydroelectric 268 *light fittings*. F'Settembru 2015, Cutrico xtrat 10 ballasts minn mal-*counter* ta` Hydroelectric, pero` qatt ma ħallset tagħhom. Il-fattura relattiva għandha n-numru 056570. Ix-xhud ma eskludiex li kien hemm żmien meta ma kellhomx dawn l-attrezzi disponibbli għall-bejgħ. Skond ħu, meta Cutajar ilmenta miegħu dwar difetti fil-*ballasts*, iż-żmien tal-garanzija kien skada, pero` xorta waħda offrewlu li jirritorna l-prodott biex jeżaminawħ. Huwa qal li ma kellux x'jaqsam mal-*panel*, jew ix-xogħol fuqu.

Is-soċjeta` attriċi ressqet ukoll affidavit ta` **Michel Le Brun**.[9] Huwa xehed li kien jaħdem bħala Technical Sales Executive ma' Hydroelectric. Qal li fl-2015 jiftakar li Alex Azzopardi ta` Cutrico kien mar għandhom u talabhom stima tal-prezz ta` *ventilation control panel*, wara li pprovdielu disinn tekniku sempliċi. L-istima ħadimħielu dakinhar stess u kienet tammonta għal €4,951.93ċ, liema stima pero` ma kinetx tinkludi funzjonijiet speċifiċi. Xi ġranet wara, Matthew Micallef ta` Cutrico kellem lix-xhud u talbu stima riveduta minħabba li riedu funzjonijiet anqas, u riedu skont. Din id-darba l-istima kienet ta` €2,443.01ċ, għaliex ma kellhiex inklużi fiha *speed drives*, li kienu ordnati separati u kellhom jiġu konsenjati bil-*courier*. Huwa mexxa din l-ordni b'mod separat hekk kif irċieva l-konferma bil-posta elettronika. L-ordni tal-*ventilation control panel* għaddieha lill-inġinier Yosef Scicluna biex jaħdem fuqha.

Ix-xhud qal li ma reġax kien involut f'dan l-inkariġu, pero` f'Jannar 2016 kien preżenti għal-laqgħa fl-uffiċju ta` Hydroelectric biex jiddiskutu l-fattura u tibdil fis-*software*. Attenda laqgħa oħra fi Frar 2016 fl-uffiċju ta` Cutrico, li pero` saret bl-ilsien Malti u allura ma setax isegwi. Id-diskors fehem pero` li kien prinċipalment fuq il-ħlas, għalkemm issemmiet xi kwistjoni teknika oħra li ħadmu fuqha bejniethom it-tekniċi taż-żewġ kumpaniji.

In kontroeżami[10], ix-xhud ikkonferma li Alex Azzopardi kien għaddielu d-disinn u l-lista ta` funzjonijiet li riedu fil-*panel*. Ix-xhud qal li l-istima oriġinali għandha l-

---

[9] Dok. MLB, fol. 42
[10] Ara xiehda, 6.12.2017, fol. 214 *et seq.*

ewwel pagna nieqsa, fl-atti, filwaqt li l-istima riveduta hija sħiħa. Ikkonferma wkoll li Cutrico riedu parti mix-xogħol fi żmien qasir, u l-parti l-oħra fi żmien itwal. Għax-xogħol li riedet fi żmien qasir, Cutrico kienet aċċettat li tħallas prezz ogħla. Ix-xhud qabel ukoll li l-panel kellha tiġi konsenjata fi żmien 6 jew 8 ġimgħat, u qal li l-ordni kien għaddieha lil Yosef Scicluna hekk kif Cutrico kkonfermatha. Cutrico kkonfermat l-ordni fl-istess jum li fih ingħatat l-istima riveduta, ċioe fis-27 ta` Mejju 2015. L-*upgrade* li xehed dwaru fl-affidavit tiegħu Le Brun ma kienx kapaċi jispjegah, għaliex qal li ma jkunx daħal fiha ladarba ma ħtieġx apparat ulterjuri.

In rieżami, Le Brun qal li l-ewwel stima kienet tinkludi *optional items*, li mbagħad Cutrico ma ordnathomx, filwaqt li l-*ispeed drives* Hydroelectric ġabuhom bil-*courier* għal Cutrico, u stallathom Cutrico stess.

Is-soċjeta` konvenuta ppreżentat b'kollox tlett affidavits ta` **Ġino Cutajar**, **Alex Azzopardi** u **Keith Cutajar**.

**Ġino Cutajar**,[11] direttur maniġerjali ta` Cutrico, xehed li ilu jaf lil Martin Sansone minn meta kien żgħir, u Cutrico kellha relazzjoni kummerċjali tajba ma' Hydroelectric għax kienet tixtri merkanzija mingħandha.

Ix-xhud spjega li fl-2012, Cutrico ddeċidiet li tikkonverti s-*showroom* tagħha f'uffiċji għall-kiri, u fl-2014 xtrat *light fittings* għalih. Tawhom il-problemi f'sular minnhom, u lil Martin Sanone kien qallu bihom diversi drabi. Skond ix-xhud, Sansone kien wiegħdu li kien ser ikellmu dwarhom, u kien jitolbu l-ħlas, u Cutrico ħallset u ma baqgħalha tħallas xejn lil Hydroelectric.

Huwa kompla jgħid li f'Novembru 2015, ġibdulu l-attenzjoni li Cutrico kellha diffikulta` tlesti x-xogħol lil Ernst & Young, billi Hydroelectric ma kkonsenjatx il-prodott (*ventilation control panel*) fiż-żmien miftiehem. Din kienet ordnata fis-27 ta` Mejju 2015, b'wegħda ta` konsenja fi żmien 6 sa 8 ġimgħat. Kellu jintervjeni hu, u ltaqa' xi

[11] Ara affidavit, fol. 54 sa 55

drabi ma' Martin Sansone u qallu ċar li jekk mhux ser isolvu din il-problema, Cutrico ma kinetx ser tħallas. Fl-aħħar, iltaqgħu l-uffiċju ta` Cutrico fl-1 ta` Frar 2016. Għalih kienet l-ewwel laqgħa ma' Stephen Ciantar. Stephen ilmenta li Cutrico naqset li tħallas. Ix-xhud qallu li Hydroelectric ma setgħetx tippretendi li titħallas ta` dak li ma kkonsenjatx. Inqala' diżgwid dwar il-funzjonijiet li kellhom ikunu inklużi. Ciantar qal li dawn kienu mizjuda, filwaqt li x-xhud insista li kienu inklużi fl-ordni oriġinali. Ix-xhud semma' wkoll il-kwisjtoni tal-*ballasts*, u Ciantar qallu biex dik il-kwistjoni jżommha apparti għax kienu ser ikellmuh fuqha, għalkemm qatt ma għamlu dan. Fl-aħħar ftiehmu li Cutrico tħallas is-somma ta` €805.99ċ lil Hydroelectric, u din tagħlaq il-*panel* sal-ewwel ġimgħa ta` Marzu 2016.

Minħabba l-pressjoni li Cutrico kienet qed tirċievi mingħand il-kommittent tagħha Ernst & Young, għall-aħħar ta` Frar, ix-xhud qal li beda jċempel lil Ciantar biex ifakkru jaqdih, pero` dan ma kienx iwieġbu u mbagħad wieġbu u lletikaw. Skond ix-xhud, kien biss fil-11 ta` April 2016 li Michel Le Brun infurmahom li l-istallazzjoni tal-*panel* kienet lesta, u dan ikkonfermah Alex Azzopardi għal Cutrico.

Ix-xhud jiċħad li Cutrico żiedet xi funzjonijiet fil-*panel* minn dawk mitluba minnha fil-bidu. Il-konsenja saret aktar minn 8 xhur wara d-data miftiehma. Ix-xhud kompla jgħid li fis-27 ta` Ottubru 2016, ċempel lil Martin Sansone u talbu jmur jiġbor ċekk mingħand Cutrico fis-somma ta` €1,103.39ċ pero` rrifjuta li jagħmel dan meta ntalab jiffirma li Hydroelectric kienet qed tirċievi dan il-ħlas għas-saldu. Sussegwentement, bdiet il-korrispondenza legali bejn iż-żewġ partijiet. Ix-xhud jilmenta li Hydroelectric qatt ma ltaqgħet magħhom qabel fethet din il-kawża.

Ix-xhud ippreżenta skeda ta` danni, fl-ammont ta` €1,867.30ċ, li jgħid li batiet Cutrico bi ħtijiet ta` Hydroelectric, konsistenti f'penali għad-dewmien, nuqqasijiet fl-attrezzi tad-dawl, u spejjeż tat-tiswija u amministrazzjoni inkorsi minn Cutrico wara li ġiet konsenjata l-*panel*.

In kontroeżami[12], Ġino Cutajar qal li ma jiftakarx meta Cutrico xtrat il-*ballasts*, għalkemm ammetta li kien żmien konsiderevoli qabel. Huwa aċċetta wkoll li fl-2015 Cutrico xtrat għaxar *ballasts* ġodda, biex tibdel dawk li kienu bil-ħsara, għaliex qal li l-post kien mikri u ma setgħux jagħmlu mod ieħor. Cutajar insista li Martin Sansone kien wiegħdu li kien ser jagħmel verifika dwarhom, u li l-ilment ta` Cutrico sar xhur qabel dan l-akkwist. Cutajar aċċetta li Sansone kien offrielu li jirċievi l-*ballasts* allegatament difettużi, biex jagħmel verifika dwarhom, u jekk ikun il-każ, jibdilhomlu mingħajr ħlas, pero` Cutrico qatt ma aċċettat dik l-offerta għaliex ir-relazzjoni kienet ħżienet, u għaliex Cutrico bdiet tinqeda mingħand terżi. Cutajar ma ftakarx jekk Cutrico ħallsitx il-prezz tal-għaxar *ballasts*, u qal li kien hemm żmien meta Cutrico offriet ħlas għas-saldu fis-somma ta` €1,300, inkluż tal-*control panel*.

Ix-xhud qal li n-neġozjati għall-akkwist tal-*panel* saru mill-impjegati tiegħu, u hu daħal fl-istorja biss meta Hydroelectric damu biex ikkonsenjawha, u huma kienu ser ibatu l-penali għad-dewmien li kien hemm miftiehma bejnhom u l-kommittent tagħhom Ernst & Young.

Cutajar ċaħad li kien hemm diskrepanzi bejn l-istima mitluba mill-impjegati ta` Cutrico, u dak li effettivvament ordnaw mingħand Hydroelectric. Ix-xhud qal li Cutrico ħallset il-prezz tal-*ispeed drives* li kienu ġew konsenjati malajr. Qal ukoll li, meta ltaqgħu fil-bidu tas-sena 2016, kien ħallas akkont is-somma ta` €805.99ċ bħala sinjal ta` rieda tajba. Il-bilanċ li offriet Cutrico waslet għalih wara li qieset id-danni li kienet batiet minħabba l-iskonti li kellha tagħti lill-kommittent tagħha. Din il-komputazzjoni pero` Cutrico qatt ma għaddiet tagħrif dwarha lil Hydroelectric.

Meta kompla jixhed in kontroeżami[13], Ġino Cutajar qal li l-*ventilation control panel* illum tinsab stallata għand Ernst & Young. Il-penali li qies meta kkalkula l-ammont li offra għas-saldu lil Hydroelectric kienet proporżjonata għall-prezz tax-xogħol provdut minn Hydroelectric, u għalhekk kienet limitata għas-somma ta` €2,000. Il-*light*

[12] Ara xiehda, 13.5.2017, fol. 163 sa 167
[13] Ara xiehda, 14.6.2017, fol. 170 *et seq.*

*fittings* indikati fil-fatturi numru 56570 u 57566 ma kinux konnessi mas-servizz li Cutrico tat lil Ernst & Young. Ix-xhud ċaħad li Martin Sansone kien offrielu jirritornahom lura, biex jiġu ttestatjati, u jekk jinstabu ħżiena jiġu rimpjazzati mingħajr ħlas.

Fir-rigward tal-ħlasijiet *change* imnaqqsa fil-kalkolu li għamel ix-xhud, senjatament dawk indikati *'ten hours labour to the above at ten euro per hour'*[14] u *'19 hours administration fee to follow up their progress at twenty four euro per hour'*[15], ix-xhud qal li ma kienx avża lil Hydroelectric li Cutrico kienet qed iżżommhom responsabbli għal dawn il-ħlasijiet, u li Cutrico ma kellhiex għalfejn tagħmel dan. Id-dokument relattiv pero` Cutrico qatt ma bagħtitu lis-soċjeta` attriċi. Skond ix-xhud, minn Diċembru 2015 'il quddiem, Ernst & Young ma baqgħux iħallsuhom b'mod sħiħ, imma bdew inaqqsulhom penali minħabba d-dewmien, u minħabba li x-xogħol kien għadu mhux lest. Skond Cutajar, lis-soċjeta` attriċi kien għarrafha verbalment dwar dan.

In rieżami[16], Cutajar qal li kien informa lill-uffiċjali ta` Hydroelectric, bit-telefon u bl-*email*, li d-dewmien kien qed jesponi lil Cutrico għal danni. Cutrico kienet tibgħat l-uffiċjali tagħha sabiex, meta jinqalgħu diffikultajiet, iħaddmu l-*panel* manwalment.[17]

Fl-affidavit tiegħu, **Alex Azzopardi**[18], *head technician* u *foreman* ta` Cutrico, xehed li fit-18 ta` Mejju 2015, mar għand Hydroelectric b'disinn skematiku tal-*ventilation panel*, u b'lista ta` funzjonijiet li riedha taqdi. Il-kontenut ta` dawn iż-żewġ dokumenti, li jinsabu fl-atti[19], qal li spjegahom lil Michel Le Brun, li bagħatlu stima ta` €4,951.93ċ. Sussegwentement qallu li ma kellhomx bżonn *touch screen*, u Le Brun bagħatlu stima riveduta ta` €3,273.95ċ, inkluż il-Variable Speed Drives li kellhom jiġu konsenjati separatament. Fl-4 ta` Ġunju 2015, Cutrico irċeviet dawn id-*drives*, u ftit ġimgħat wara rċeviet l-*air pressure sensors* u t-*temperature sensors*. Fl-4 ta` Awissu 2015, Yosef Scicluna talbu jmur għandu biex jikkonferma l-funzjonijiet tal-*control panel*.

---

[14] Dok. GC9, fol. 83, ara fol. 172
[15] Ibid.
[16] Ara ri-eżami, 23.5.2017, fol. 166
[17] Ara ri-eżami, 14.6.2017, fol. 173
[18] Ara affidavit, fol. 86 *et seq.*
[19] Dok. AA1, fol. 89 u Dok. AA2, fol. 90

Scicluna urieh *panel* bi prova, mingħajr l-attrezzaturi proprji, u x-xhud induna li kien fiha *drives* li suppost ma kellux ikollha. Skond ix-xhud, Scicluna ma kienx jaf b'dan, u qallu li kellu jerga' jibdieha mill-bidu mingħajrhom.

Azzopardi jgħid li ċempillu Le Brun fis-17 ta` Settembru 2015 biex imur jiġbor il-*panel*, u stallawha f'Ottubru. Talbu lil Scicluna jattendi biex iqabbadha, u dan mar fid-9 ta` Novembru 2015. Scicluna u l-lavrant li kellu miegħu għaddew il-*cables*, pero` meta ħaddmu l-*panel*, Azzopardi sab li kellha xi funzjonijiet neqsin. Ma kellhiex *controllers* għad-*drives*, u allura l-*ventilations fans* la setgħu jitħaddmu u lanqas jiġu kontrollati.

Skond ix-xhud, fil-laqgħa tas-27 ta` Jannar 2016 għand Hydroelectric, dawn ikkonfermaw li dawn il-*controllers* ma kinux saru minħabba nuqqas ta` komunikazzjoni tajba interna bejn il-ħaddiema tal-istess kumpanija. Minħabba li ma kellhomx minn dawn l-attrezzaturi, ftiehmu li l-*panel* ma jkollhiex *automatically variable speed function*, kif mitlub oriġinarjament, imma funzjoni li l-utenti jużaw mekkaniżmu manwali biex iżidu jew inaqqsu l-arja. Biex dan ikun possibbli, Hydroelectric kellhom jistallaw apparat ieħor fil-*panel*, u b'hekk naqqsu milli jissodisfaw dak mitlub fit-tielet punt tal-lista ta` funzjonijiet li Cutrico talbet fil-bidu.

Azzopardi qal li reġgħu ltaqgħu drabi oħra fis-sit fejn kellu jiġi stallat il-*panel*, u fil-frattemp Hydroelectric kienet qed titlob li titħallas, minkejja li x-xogħol kien għadu mhux lest. Reġgħu ltaqgħu għand Cutrico fl-1 ta` Frar 2016, u ftiehmu li x-xogħol ikun lest sal-ewwel ġimgħa ta` Marzu. Skond ix-xhud, Ġino Cutajar dakinhar għadda ħlas lil Hydroelectric.

Fil-laqgħat li kellhom biex jagħlqu l-*panel*, skoprew li din kellha bżonn modifika oħra biex tkun tista` topera kif mitlub oriġinarjament (*summer/winter*), u dan minħabba li kien hemm nuqqas fid-disinn oriġinali ta` Hydroelectric.

Wara diversi diffikultajiet, il-*panel* tħaddmet fil-11 ta` April 2016.

Fuq il-kwistjoni tal-*ballasts*, Azzopardi qal li kien tkellem dwarhom ma' Sansone meta ltaqgħu fl-uffiċju ta` Hydroelectric, pero` talbu jitkellem ma' Ġino Cutajar direttament minħabba li kellhom problema bihom f'sular partikolari.

In kontroeżami, Alex Azzopardi xehed li kien mar hu personalment għand Cutrico Limited, biex jordna l-*ventilation control panel* għall-proġett ta` Ernst & Youngs. Qal li kien kellem lil Michel Le Brun u taħ id-disinn (mingħajr kitba fuqu)[20] u l-lista tal-funzjonijiet li riedu fil-panel.[21] Le Brun bagħat lil Cutrico stima b'diversi funzjonijiet, li Cutrico ma aċċettatx, u eskludiet it-*touch screen*, filwaqt li l-*ispeed drives* ridithom aktar malajr. Azzopardi qal li l-ordni Cutrico għamlitha skond id-dokument eżibit f'fol. 46 tal-atti proċesswali, li Le Brun assikurah li kien ifisser li l-*panel* tkun kif riedha l-kommittent ta` Cutrico. Cutrico għamlet ix-xogħol ta` komunikazzjoni tal-*panel* mas-sistema tal-kommittent tagħha, u mbagħad talbu lil Yosef Scicluna jattendi biex jixgħelha. Ix-xhud ċaħad li f'Awissu u Settembru 2015 ma kellhomx kuntratt ma' Hydroelectric, għalkemm qal li ma jafx ma' min, u b'liema mod. Ix-xhud ammetta li kien hemm problema biex titqabbad il-*panel* man-network ta` Ernst & Young minħabba fil-*firewall*, u nsista li mill-bidu nett il-kommittent ried *time scheduling function* fuq il-*panel*. Din il-funzjoni hemm riferenza għaliha bil-kelmiet *'auto timer'* u *'time scheduling'*. Il-lista ta` funzjonijiet li Cutrico għaddiet lil Hydroelectric kien preparaha konsulent tal-kommittent.

Azzopardi qal li l-affidavit tiegħu għamlu ma' Keith Cutajar, li huwa superjur tiegħu, anke għaliex ried jagħtih dettalji.

In rieżami, Azzopardi ċaħad li għaddew xhur bejn li ħadu l-konsenja tal-*panel*, u li ħaddmuħa. Qal li kellhom problema, għaliex l-*ispeed drives* ma kinux qed jikkomunikaw mal-*control panel*. Kellhom isiru modifiki, u anke ordnijiet ta` affarijiet oħra. Skond hu, id-dewmien kien dovut għal nuqqas ta` funzjonalitajiet fil-*panel*, il-fannijiet ma kinux qed jaħdmu u dawn kienu kontrollati mill-*panel*.

---

[20] Fol. 44
[21] Fol. 90

**Keith Cutajar**,[22] *Operations Manager* ma' Cutrico, qal li ilu jaħdem ma' din il-kumpanija għaxar snin.

Dwar dan il-każ, ix-xhud qal li kien qed jirċievi informazzjoni b'mod regolari mill-impjegati l-oħra ta` Cutrico. Qal li intervjena personalment f'Awissu 2015, meta l-*panel* kienet għadha mhix konsenjata, u Michel Le Brun għarrfu li Hydroelectric kienet qed taħdem fuqha. Filfatt, għadda xaħar ieħor u mbagħad Le Brun avża lil Cutrico li kienet lesta biex tingabar.

Wara li kkonferma d-dettalji mogħtija minn Azzopardi, Cutajar xehed dwar x'ġara wara ż-żewġ laqgħat li kellhom mal-uffiċjali ta` Hydroelectric fil-bidu tas-sena 2016. Hydroelectric insistew li l-funzjonijiet li Cutrico kienet qed titlob ma kinux parti mill-ordni oriġinali, filwaqt li Cutrico baqgħu jirritjenu li l-funzjonijiet mitluba kienu nklużi fl-ordni oriġinali. Minkejja l-wegħda ta` Hydroelectric li l-*panel* tkun taħdem sal-bidu ta` Marzu, filfatt dan ma ġarax u kienet konsenjata b'mod sħiħ fil-11 ta` April 2016, ċioe 38 ġimgħa wara d-data miftiehma għall-konsenja.

Cutajar ippreżenta kopja tal-korrispondenza elettronika kopjuża li jagħmel riferenza għaliha fix-xiehda tiegħu. Huwa ppreżenta wkoll kopja tal-ittra datata 27 ta` Frar 2015[23] li permezz tagħha Cutrico ġiet infurmata li Ernst & Young kienet aċċettat l-offerta tagħha għall-eżekuzzjoni ta` appalt (*Mechaniċal and Engineering Tender*). Din l-ittra tgħid li x-xogħol kollu kellu jitlesta sat-13 ta` Awissu 2015, u li Cutrico kellha tinkorri penali ta` €2,000 għal kull ġurnata ta` dewmien.

In kontroeżami[24], Keith Cutajar qal li kien fl-istorja mill-bidu nett, mindu Cutrico talbet stima tal-*panel* mingħand Hydroelectric. It-talba għall-istima għamilha Matthew Micallef bl-email, fejn elenka d-dettalji kollha li kellu jkollha l-panel. L-istima oriġinali kienet datata 20 ta` Mejju 2015 u kienet fis-somma ta` €4,552.93ċ. L-istima li sar il-kuntratt fuqha kienet oħra – riveduta – fl-ammont ta` €3,273.95ċ. Id-differenza bejn iż-

[22] Ara affidavit, fol. 113 *et seq.*
[23] Dok. KJC11, fol. 161
[24] Ara xiehda, 14.6.2017, fol. 175 *et seq.*

żewġ stimi kienet l-ispiża tat-*touch screen* li tnaqqas mill-ordni. Barra minn hekk, kien hemm partijiet li ntalbet konsenja tagħhom apparti – żewġ *variable speed drives* – bi spiża addizzjonali biex jaslu malajr.

Ix-xhud ftakar li, meta Hydroelectric ikkonsenjat il-*panel*, dan ma kienx jibgħat *email* meta jieqaf jew ikun hemm xi ħsara, u l-*ispeed drives* ma kinux ivarjaw waħedhom. Dawn in-nuqqasijiet saru magħrufa f'Ottubru 2015. Ix-xhud ċaħad li dan kien dovut għal sistema ta` *firewall* li kellhom Ernst & Young minn barra minn Malta – huwa insista li dawn kienu awtorizzawhom jikkomunikaw b'mod partikolari biex jevitaw il-problema. L-awtorizzazzjoni ħadet pero` aktar minn ġimgħa biex ingħatat. Ix-xhud insista li l-funzjonijiet ta` *time scheduling* u *error messaging* kienu nklużi fl-ordni oriġinali li Cutrico għamlet ma' Hydroelectric, u li din tal-aħħar aċċettat mingħandha.[25] Ix-xhud qal li l-affidavit tiegħu kitbu fil-presenza ta` Alex Azzopardi u Ġino Cutajar.

In kontroeżami, Keith Cutajar iddikjara li l-*panel* kienet konsenjata u tħaddmet fil-11 ta`April 2016. Il-kaxxa mhux kompluta Cutrico ħadet pussess tagħha fis-17 ta` Settembru 2015. Il-funzjonijiet ta` *time scheduling* u *alarm reporting* baqgħu ma jaħdmux anke meta ssolviet il-problema tal-*firewall* f'April 2016. Dawn il-funzjonijiet kienu ordnati bil-kliem *'the panel will function on an auto timer and any reports/alarms occurred the controller will send an email to notify the person responsible with the matter'*.[26]

Ikkunsidra wkoll li:

B'din il-kawża, is-soċjeta` attriċi qed titlob ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-ventilation control panel li ħadmet u kkonsenjat lis-soċjeta` konvenuta, u wkoll il-prezz ta` attrezzaturi tad-dawl li s-soċjeta` konvenuta xtrat mingħand is-soċjeta` attriċi bejn is-snin 2015 u 2016.

[25] Dok. KJC3, fol. 130
[26] Fol. 130

Kwantu għat-talba għall-ħlas tal-prezz tal-attrezzaturi tad-dawl, is-soċjeta` konvenuta tippretendi li ma baqagħlha tħallas xejn fir-rigward, għaliex ħallset il-prezz sħiħ ta` dawn l-attrezzaturi li xtrat mingħand is-soċjeta` attriċi, u l-fattura numru 58570 (li ma tħallsitx) kienet tirrigwardja attrezzaturi kkonsenjati lilha b'sostituzzjoni ma' attrezzaturi difettużi, taħt il-garanzija.

Billi s-soċjeta` konvenuta ma tiċħadx li għamlet dawn l-akkwisti mingħand is-soċjeta` attriċi, kien jinkombi fuqha l-oneru li tipprova li filfatt ħallset il-prezz tagħhom, bir-riċevuti appożiti, jew li kienet eżentata (legalment jew kuntrattwalment) milli tħallas tagħhom. Minn dan kollu, pero`, is-soċjeta` konvenuta ma ppruvat xejn. Għall-kuntrarju, l-uffiċjali u r-rappreżentanti tagħha li xehdu f'din il-kawża jaċċettaw li l-akkwisti saru, u li s-soċjeta` attriċi kienet offriet li tieħu lura l-attrezzaturi allegatament difettużi, pero` s-soċjeta` konvenuta naqset li tipprevalixxi ruħha minn dik l-offerta. Mill-bqija, is-soċjeta` konvenuta ma ppreżentat ebda riċevuta ta` ħlas, ebda konferma miktuba, jew xiehda ċara u kredibbli b'mod ieħor, li dawn l-ammonti dovuti minnha tħallsu. Konsegwentement, id-difiża tagħha kontra t-talba għall-ħlas m'għandhiex mis-sewwa, u ser tiġi miċħuda.

Il-pern tal-kwistjoni f'dan il-ġudizzju tirrigwardja l-*ventilation control panel*. It-Tribunal qies bir-reqqa ix-xiehda, u d-dokumenti kollha, ippreżentati miż-żewġ partijiet, biex isostnu l-posizzjoni rispettiva. Wara li qies dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma li din il-kwistjoni kollha qamet minħabba li l-komunikazzjoni bejn iż-żewġ kumpaniji – bil-mezz tal-uffiċjali rispettivi – ma kinetx ċara u diretta. B'mod partikolari, it-Tribunal jirreferi għall-mod kif is-soċjeta` konvenuta ppreżentat it-talba tagħha għall-bejgħ ta` dan il-*ventilation control panel* – apparat li kellu jkun tant sofistikat u sensittiv, li addirittura kellu jitqabbad man-*network* ta` kumpanija mill-kbar fil-qasam tal-awditjar. L-uffiċjal tekniku tas-soċjeta` konvenuta, li allura kien jaf, jew kien mistenni li jkun jaf, id-dettalji kollha tekniċi, u l-funzjonijiet, li kellu jkollu dan il-*panel*, biex jaqbel mal-ordni u l-aspettattivi tal-kommittent tiegħu, messu spjega lil rappreżentant tekniku – u mhux sempliċement lil salesman – tas-soċjeta` attriċi x'kien qed jistenna mill-ordni. It-Tribunal ma jistax jaċċetta bħala veritiera, jew korretta, id-dikjarazzjoni ta` Alex Azzopardi li huwa għabba lil Michel Le Brun bir-responsabbilta` li jirrediġi, u jifhem, x'riedet is-

soċjeta` konvenuta. Mill-banda 'l oħra, it-Tribunal jidhirlu li s-soċjeta` attriċi kellha tħaddem sistema ta` komunikazzjoni aħjar bejn it-tekniċi tagħha, u l-klijenti li jinkarigawha twettaq xogħlijiet tekniċi. Il-komunikazzjoni bil-mezzi elettroniċi moderni tista` – u ħafna drabi – ma tkunx l-aħjar mod kif il-messaġġ jasal sħiħ, ċar u bla kweżiti, għand min għandu jasal. Is-soċjeta` attriċi, u d-diriġenti tagħha, li jidhru li għandhom esperjenza twila fil-qasam, messhom kienu jafuh dan, u messhom eżiġew li l-inġinier Yosef Scicluna jikkomunika direttament ma' Alex Azzopardi qabel ma beda jwettaq l-inkariġu mogħti lilu.

Bl-istess mod, it-Tribunal ma jemminx li Alex Azzopardi, li huwa persuna teknika u kellu jkun jaf preċiż x'ried il-kommittent tas-soċjeta` konvenuta, ma fehemx bl-allegati funzjonijiet nieqsa fil-*panel* meta mar jaraħa taħdem l-ewwel darba fil-*workshop* ta` Scicluna. Wara li qies iż-żewġ verżjonijiet kunfliġġenti ta` Scicluna u Azzopardi, li kellhom il-proġett f'idejhom u mxew fih pass pass, it-Tribunal jagħżel li jagħti kredibilita` lill-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Yosef Scicluna għas-segwenti raġunijiet: (i) id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet li kellha taqdi l-*panel* hija ekwivoka, u Scicluna kien ġustifikat jifhimha kif fehemha; (ii) Azzopardi messu nduna bil-funzjonijiet nieqsa meta attenda għall-prova f'Awissu 2015, pero` għall-kuntrarju aċċettaha kif preżentata lilu; (iii) il-funzjonijiet li ma sarux mill-bidu tant kienu speċifiċi li Azzopardi ma setax ma ndunax li kienu nieqsa matul il-prova ta` Awissu 2015; (iv) Azzopardi ma tax spjegazzjoni verosimili ta` x'ġara bejn Awissu 2015 u Novembru 2015, u għalxhiex f'Novembru 2015 ma seħħitx il-komunikazzjoni tal-panel man-*network* tal-Ernst & Young, filwaqt li l-ispjegazzjoni mogħtija minn Scicluna hija aktar verosimili, fuq bilanċ ta` probabiltajiet; (v) jidher ċar li d-dewmien kien dovut għan-nuqqas ta` ħlas da parti tas-soċjeta` konvenuta, kif dikjarat ċar minn Stephen Ciantar, tant li wara l-laqgħat miżmuma fil-bidu tas-sena 2016, u l-ħlas li jammetti li għamel Ġino Cutajar f'dak l-istadju, il-funzjonijiet mitluba twettqu.

It-Tribunal jagħżel ukoll li jagħti aktar kredibilita` lill-verżjoni tas-soċjeta` attriċi, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, wara li jqis li s-soċjeta` konvenuta minn jeddha offriet ħlas għas-saldu, li pero` baqgħet la effettwat (għax ġie rifjutat) u lanqas iddepożitat. Fil-

frattemp, pero`, il-materjali mixtrija ġew konsenjati u aċċettati minnha, u kieku ma kienx għal din il-kawża, ma kienet tagħmel xejn iżjed. Mill-banda 'll oħra, il-pretensjoni tas-soċjeta` konvenuta li batiet danni minħabba fid-dewmien – konsistenti fi spejjeż żejda u penali mal-kommittent tagħha – qed tiġi skartata mit-Tribunal, kemm għaliex is-soċjeta` konvenuta ma għamlet ebda kontro-talbiet f'dak ir-rigward, u aktar għaliex is-soċjeta` konvenuta ma ressqitx l-aħjar prova ta` dawn id-danni li tallega li batiet, anzi tammetti li ma għarrfitx, u lanqas għaddiet dokumentazzjoni dwarhom, lis-soċjeta` konvenuta. Id-dokumenti li s-soċjeta` konvenuta ppreżentat f'din il-kawża dwar ir-relazzjoni li kellha mal-kommittent tagħha, il-ħlasijiet li rċeviet in konnessjoni mal-appalt, u xi tnaqqis li seta` kien hemm, ma jinftiehemx mingħajr għarfien ċar ta` dik ir-relazzjoni, bil-kundizzjonijiet sħaħ li kien hemm jorbtu lis-soċjeta` konvenuta, u bl-aħjar prova sostnuta mill-kommittent innifsu tat-telf li setgħet batiet is-soċjeta` konvenuta bi ħtija tas-soċjeta` attriċi.

Għar-raġunijiet kollha fuq mogħtija, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta` konvenuta, u jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` elfejn, tmien mija u tlettax-il Ewro, sitta u sittin ċenteżmu (€2,813.66ċ), bl-imgħax kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta` fatt fuq magħmula, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha f'din il-kawża.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**